

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: STD Tekstil Limited Sirketi (Istanbul, it-Turkija)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant: ir-rikorrent

Trade mark ikkontestata kkonċernata: it-trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali "MOTORTOWN" – Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 10 351 931

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Settembru 2014 fil-Każ R 1960/2013-2

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn, inkwantu din tiċħad l-appell tar-rikorrenti, din tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, li laqgħet parzjalment l-oppożizzjoni B 1 951 774 u ħadhet parti mit-trade mark Komunitarja figurattiva Nru 10 351 931 "MOTORTOWN"; u
- tikkundanna għall-ispejjeż lill-parti jew lill-partijiet li jopponu dan ir-rikors.

### Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

### Rikors ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2014 – Hassan vs Il-Kunsill

(Kawża T-790/14)

(2015/C 034/50)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: Samir Hassan (Damas, is-Sirja) (rappreżentant: L. Pettiti, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

- tannulla, abbażi tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE):
  - id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/678/PESK, tas-26 ta' Settembru 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, sa fejn hija tinkludi lil Samir Hassan fil-lista li tinsab fl-Anness tal-imsemmija Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK, tal-31 ta' Mejju 2013, dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja;
  - ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1013/2014, tas-26 ta' Settembru 2014, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, sa fejn huwa jinkludi lil Samir Hassan fil-lista li tinsab fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012, tat-18 ta' Jannar 2012, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja;
- taqta' u tiddeċiedi li l-effetti tal-atti annullati ser ikunu definittivi;

- tikkumpensa, abbażi tal-Artikoli 268 u 340 TFUE, id-dannu kkawżat lil S. Hassan permezz tat-tehdid ta' tali miżuri restrittivi kontrih u, għal dan il-għan:
- tirrikonoxxi r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għad-dannu materjali mġarrab u futur u għad-dannu morali;
- talloka lil S. Hassan s-somma ta' EUR 250 000 fix-xahar, mill-1 ta' Settembru 2011 sabiex jiġi kkompensat d-dannu materjali mġarrab;
- talloka lil S. Hassan s-somma ta' EUR 1 simboliku għad-dannu morali mġarrab;
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jikkumpensa d-dannu materjali futur;
- f'kull każ, tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball manifest tal-Kunsill fl-evalwazzjoni tal-fatti u fuq żball ta' liġi li minnu jirriżulta, billi l-Kunsill reġa' niżżel isem ir-rikorrent fil-lista ta' persuni u entitajiet li fil-konfront tagħhom japplikaw il-miżuri restrittivi abbażi ta' motivi mhux stabbiliti b'mod suffiċjenti fid-dritt.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għall-proprjetà u tal-prinċipju ta' proporzjonalità.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza tar-rikorrent.
4. Ir-raba' motiv dwar il-kumpens għad-dannu li r-rikorrent allegatament ġarrab minħabba l-miżuri illegali meħuda kontrih mill-Kunsill.

---

### **Rikors ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2014 – Bensarsa vs Il-Kummissjoni u KEPD**

**(Kawża T-791/14)**

(2015/C 034/51)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### **Partijiet**

*Rikorrent:* Faouzi Bensarsa (Abu Dabi, l-Emirati Għarab Magħquda) (rappreżentant: S. A. Pappas, avukat)

*Konvenuti:* Il-Kummissjoni Ewropea u Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD)

### **Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni tal-25 ta' Frar 2014 adottata mid-Direttorat Sigurtà;
- tannulla d-deċiżjoni tal-24 ta' Ottubru 2014 adottata impliċitament mill-KEPD;
- tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq motivazzjoni insuffiċjenti tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-25 ta' Frar 2014.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni tal-KEPD, liema motivazzjoni kienet impliċita u la setgħet tiġi dedotta mill-kuntest tagħha u lanqas mid-deċiżjoni tal-25 ta' Frar 2014.